

# Xogħolijiet artistiċi

LORENZO ZAHRA

■ *Hawn wieħed isib miġbura tagħrif dwar ħafna opri li l-biċċa l-kbira minnhom naraw fostna l-aktar fil-knejjes tagħna kif ukoll fil-festi tagħna. Dan it-tagħrif inġabar waqt tiftix fil-ġurnali u dokumenti oħra mill-imgħoddi. Għalhekk fejn hu possibbli jissemma' isem is-sors kif ukoll id-data. It-tagħrif huwa mogħti fil-qosor. Id-dettalji jidhru skond meta ġew irrapportati fil-ġurnali jew fis-sorsi l-oħra.*

***1676:*** *(Ms 422, p.63, Librerija Nazzjonali) Kwadru ta' San Franġisk de Paola fil-Knisja tal-Karmnu, l-Birgu.*

***1720:*** *Statwa tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol tal-ġebel ta' Portelli disinn ta' Troisi, mal-Knisja fl-Imdina.*

***1726:*** *Fil-Parroċċa ta' Ħal-Balzan sar orgni ta' Felix Platamone, Sqalli.*

***1735:*** *(17.vi.1735, Ms 20, Librerija Nazzjonali) Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta tqegħdu ż-żewġ inkwatri laterali fil-kor.*

***1738:*** *Fil-Parroċċa ta' Ħal-Balzan saru s-sedji tal-kor kif ukoll leġiju fin-nofs li nħadmu minn Toni Farrugia tal-Birgu.*

***1827:*** *Fil-Parroċċa ta' Ħal-Balzan saret il-gallerija ta' l-orgni maħduma minn Frangisk Labre tal-Birgu.*

***1838:*** *(7.xi.1838, Malta Government.Gazzette) Salvu Dimech ħadem statwa tal-ġebel li ntbagħtet l-Italja.*

***1840:*** *(7.viii.1840, Il Filologo) Għal Parroċċa ta' Porto Salvo, Valletta, Canataci ħadem l-Ostensorju b'relikwja ta' San Duminku.*

***1840:*** *(7.viii.1840, Il Filologo) Sar il-ventartal tal-fidda xogħol ta' Canataci fil-Katidral ta' l-Imdina.*

***1841:*** *(17.vi.1841, Malta Chronicle) Gejtu Xerri mgħallem bennej jieħu ħsieb il-bini ta' l-Isptar ta' Bighi fuq disinn ta' l-arkitett Whitmore.*

***1841:*** *(18.v.1841, Malta) Saret statwa tal-ġebel ta' San Girgor il-Kbir fiż-Żejtun, xogħol ta' S. Dimech.*

***1843:*** *(11.v.1843,Trionfo della Religione) P.P. Azzopardi ħadem statwa sabiħa ta' S. Ġuzepp għall-Kolleġġjata ta' Bormla.*

***1844:*** *(3.vii.1844, Osservatore Maltese) Għall-festa ta' Korpus fir-Rabat F. Catania u F. Bonello ħadmu ark ta' l-injam biex jintrama' fit-triq prinċipali.*

***1845:*** *(Awissu, Mediterraneo) Fil-Knisja Parrokkjali tal-Porto Salvo, Valletta, sar kwadru minn Tumas Madiona bil-qaddisin Piju V, Santa Lucija u San Lawrenz li jfakkar id-dħul tad-Dumnikani tal-Birgu fil-Belt fi Knisja Sta. Lucija. (Dan il-kwadru issa jinsab fl-Oratorju tar-Rosarjanti billi minfloku sar ieħor ta' Ġużeppi Calì.*

***1851:*** *(Mediterraneo) Fil-Parroċċa tal-Portu Salvu, Valletta, il-pittur Caruana għamel il-kwadru titulari tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Elizabetta.*

***1851:*** *(15.ii.1851, Ordine) Issir pittura fis-saqaf tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta mill-pittur Falzon.*

***1851:*** *(26.ix.1851, Ordine) Pawlu Cuschieri kkopja u għamel litografiji tal-qaddisin ta' Mattia Preti li hemm fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-ġnub tat-twieqi.*

***1851:*** *(5.vii.1851, Ordine) Sar ostensorju għar-relikwja ta' San Vidal fis-Seminarju*

***1851:*** *(8.ii.1851, Ordine) Għall-Knisja ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta l-pittur Hyzler għamel kwadru tal-Madonna tas-Sokkors.*

***1852:*** *(1.v.1852, Ordine) Tħabbret il-mewt tal-pittur Caruana li ħadem it-titular mistiku tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u opri oħra.*

***1852:*** *(24.vii.1852, Ordine) Tumas Madiona jpitter il-kwadru ta' San Filippu Neri għal Għawdex.*

***1852:*** *(3.iv.1852, Ordine) Għall-artal ta' Sant' Omobono fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt Valletta, sar ventartal tal-fidda tad-ditta Belli.*

***1852:*** *(15.v.1852, Ordine) Fil-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, sar ventartal tar-rakkmu minn Vinc. Zimelli għall-artal tal-Erwieħ.*

***1852:*** *(19.vi.1852, Malta Taghna) Għall-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, Malta, waslet minn barra umbrella għall-vjatku ta' Vin. Belli filwaqt li Albanese ta' Bormla ħadmu l-baldakkin.*

***1852:*** *(24.vi.1842, Ordine) Il-pittur Bellanti ħadem it-titular tal-Madonna tal-Karmnu ta' l-Imdina.*

***1853:*** *(20.v.1853, Ordine) Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla sar kwadru tas-SSma Trinità minn Tumas Madiona.*

***1853:*** *(16.ix.1853, Ordine) Għall-parroċċa ġdida tal-Mellieħa saret vara titulari tal-Madonna tal-Vittorja, xogħol ta' Pietru Pawl Azzopardi.*

***1853:*** *(21.x.1853, Ordine) Tinħatt knisja żgħira ddedikata lis-Salvatur fix-Xatt il-Barriera, Valletta.*

***1853:*** *(28.x.1853, Ordine) Għall-Parroċċa ġdida tal-Mellieħa, Falzon ilesti erba' kwadri għall-artali laterali ddedikati lil Sant' Andrija, San Frangisk, San Flippu u l-Madonna tal-Karmnu.*

***1853:*** *(20.v.1853, Ordine) Għall-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, waslu sitt statwi ta' l-appostli tal-*



fidda għall-artal maġġur tal-artiġjan Belli li ġie wkoll Malta.

**1854:** (9.ix.1854, *Portafoglio Maltese*) Fil-belt Vittoriosa fetħet l-ewwel skola tad-disinn.

**1855:** (6.vii.1855, *Ordine*) Fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Kappella ta' San Karlu tqegħdet ix-xbiha altoreliev ta' San Ġwann li darba kienet fuq il-karrakka (xini) ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

**1855:** (25.viii.1855, *Portafoglio Maltese*) L-artista Bormliż Salvu Psaila ħadem l-iskannel tal-artal maġġur tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

**1855:** (18.v.1855, *Ordine*) Għall-istess Parroċċa tlesta standart sabiħ ta' Vinc. Zimelli.

**1855:** (2.ii.1855, *Ordine*) Għall-bieb ewlieni tal-Belt Valletta, magħruf bħala Porta Reale, saru żewġ statwi tal-ġebel maħduma minn Micallef li juru żewġ Granmastri - La Vallette u L'Isle Adam.

**1855:** (22.vi.1855, *Ordine*) Għall-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat, Malta, il-Fratellanza tas-Sagrament għamlet standart irrakkmat f'Lyons.

**1855:** (6.iv.1855, *Ordine*) Għall-Knisja ta' Ġieżu fir-Rabat, Malta, il-pittur Hyzler lesta kwadru tal-Viżitazzjoni tal-Madonna.

**1856:** (13.iii.1856, *Ordine*) Hyzler ipitter it-titular għall-Parroċċa tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan.

**1856:** (3.x.1856, *Ordine*) Ġużeppi Calleja l-pittur jagħmel żewġ kwadri laterali fil-Kappella tal-Madonna tal-Karità fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl, il-Belt Valletta.

**1857:** (17.vii.1857, *Ordine*) Għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu li ssir ġewwa Valletta sar ark ta' l-injam.

**1857:** (4.xii.1857, *Ordine*) Inċiżur Malti Ġovanni Farrugia jagħmel wirja ta' inċiżżjonijiet tiegħu.

**1857:** (18.xii.1857, *Ordine*) Għall-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ Toni Gerada ta' Bormla ħadem il-korp sant għal San Gawdenz.

**1858:** (27.viii.1858, *Ordine*) Fil-Parroċċa tal-Gudja saret il-pittura tal-Via Sagra xogħol ta' Falzon.

**1858:** (4.vi.1858, *Ordine*) Għall-festi kbar li kienu jsiru f'Bormla nhar il-Pentecoste sar ark trijonfali li kien jintrama fi Strada San Giorgio.

**1859:** (AAM, S53/242) Għal Parroċċa San Filep, Ħaż-Żebbuġ, sar baldakkin tal-kanavazz b'lasti tal-fidda maħduma minn Lanzon u Azzopardi.

**1861:** (26.iv.1861, *Ordine*) Għall-Parroċċa Matriċi tal-Gudja nġiebu sett qniepen ġodda tad-ditta Warner.

**1861:** (28.vi.1861, *Ordine*) Giuseppe Borg, marmista Bormliż, lesta lapida familjari funerarja għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt.

**1862:** (12.xii.1862, *Ordine*) Jissemma' l-orgni tal-Kav. Manfre bi tnax-il pedala fil-Knisja ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ.

**1862:** (14.x.1862, *Ordine*) Fil-Kolleġġjata ta' Bormla sar l-orgni ġdid mid-ditta Morelli.

**1862:** (3.x.1862, *Ordine*) L-aħwa German, kostrutturi, lestew u varaw bastiment ta' 700 tunnellata, twil 230 pied.

**1863:** (23.x.1863, *Ordine*) Tberik ta' qanpiena ġdida għall-Knisja Rotunda Parrokkjali tal-Mosta.

**1863:** (31.vii.1863, *Ordine*) Tasal il-vara sabiħa u rikka tal-fidda ta' San Filep t'Agira, titulari ta' Ħaż-Żebbuġ.

**1864:** (AAM, S63/335) Saret niċċa għall-vara ta' San Filep minn Filippu Vella u Salvu Said, Żebbuġin, fil-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.

**1865:** (18.viii.1865, *Malta Mail*) Saret statwa ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju minn V. Bonnici għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu u l-artista kien ippremjat għaliha b'diploma speċjali.

**1865:** (24.vi.1865, *Portafoglio Maltese*) Jitħabbru l-isbaħ orgnijiet fil-gżira - tal-Porto Salvu l-Belt; tal-Lunzjata tal-Birgu; ta' San Ġorġ Ħal Qormi; tal-Lunzjata Ħal Balzan u tal-Kattidral.

**1866:** (20.vii.1866, *Corriere Mercantile di Malta*) Għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt saru sett gandlieri tal-fidda tad-ditta Belle e Stradella.

**1867:** (20.xi.1867, *Public Opinion*) Jissemma Preziosi bħala l-ewwel fotografu fil-Belt.

**1868:** (1.v.1868, *Portafoglio Maltese*) Għall-Parroċċa Matriċi tan-Naxxar, Carlo Darmanin ilesti vara ta' San Ġużepp.

**1868:** (10.i.1868, *Corriere Mercantile di Malta*) Isir rixtellu tal-ħadid mal-bieb ewlieni tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt.

**1869:** (16.vii.1869, *Portafoglio Maltese*) Xogħol ta' skultura bħala dekorazzjoni fil-Knisja tal-Porto Salvo tad-Dumnikani fil-Belt minn artist Sqalli Giuseppe Maggiore.

**1869:** (3.ix.1869, *Portafoglio Maltese*) Saret tvalja artistika bir-rakkmu tad-deheb għall-artal tal-Konsolazzjoni fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

**1869:** (13.v.1869, *Ordine*) Fil-Qrendi Ġużeppi Calì jlesti kwadru titulari ta' l-Assunzjoni tal-Madonna.

**1870:** (AAM, S74/364) Il-vara tal-Madonna tar-Rużarju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ ġiet indurata.

**1870:** (AAM, S/69/-) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla sar baldakkin ġdid.

**1871:** (23..v.1871, *Portafoglio Maltese*) Ġovanni Darmanin ħadem statwa tal-Madonna tal-Karità fil-Birgu għall-purċissjoni minflok oħra qadima.

**1871:** (19.viii.1871, *Public Opinion*) Ġużeppi Calleja pitter l-erba' Evangelisti għall-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Qrendi.

**1871:** (13.vi.1871, *Portafoglio Maltese*) Għall-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta jsir ark trijonfali li jintrama' fi Strada San Paolo.



**1872:** (16.viii.1872, *Portafoglio Maltese*) Saret l-istatwa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni xogħol ta' Ġ. Darmanin għall-Parroċċa ta' Sta. Marija tal-Qrendi.

**1873:** (27.ix.1873, *Portafoglio Maltese*) Għall-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu kien preżentat mudell għall-gandlieri ta' l-artal maġġur, xogħol ta' P. Bugeja.

**1873:** (9.xii.1873, *Avvisatore Maltese*) Il-pittur Ġużeppi Calì jlesti l-kwadru tas-Sagra Familja għall-Knisja tas-Sorijiet ta' Sant' Ursola tal-Belt Valletta.

**1875:** (14.v.1875, *Fede ed Azione*) Għall-Parroċċa Matrici ta' San Lawrenz sar tużell, disinn ta' Ġ. Darmanin.

**1875:** (25.viii.1875, *Fede ed Azione*) Sar kwadru tal-pittura tal-Madonna ta' Lourdes mill-pittur Ign. Cortis fil-Knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu.

**1876:** (AAM, S73/438) Fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien isir lampier ġdid tal-fidda.

**1876:** (19.vii.1876, *La Fenice*) Pawlu Bugeja mill-Belt ħadem palk għall-Banda La Vallette.

**1876:** (24.v.1876, *Croce di Malta*) Għall-Knisja Parrokkjali ġdida ta San Gejtanu, is- Sur F. Galea offra statwa tal-Madonna ta' Lourdes.

**1877:** (7.vii.1877, *Malta Times*) Qanpiena ġdida kbira għall-Knisja Parrokkjali tal-Furjana ta' San Publiju, il-qanpiena tiżen 40 kwintal.

**1877:** (6.xii.1876, *In-Naħla Maltija*) Pawlu Buhagiar tal-Belt jaħdem tużell għall-Parroċċa ta' Santa Katerina V.M. taż-Żurrieq.

**1878:** (21.xii.1878, *Portafoglio Maltese*) Għall-Katidral ta' l-Imdina jsir ġinokkjatur artistiku tassew minn Mastru Xuereb.

**1879:** (3.x.1879, *Amico del Popolo*) Fil-Knisja Oratorjana ta' San Filippu l-Isla saret pittura ta' San Filippu mill-pittur Bonnici.

**1879:** (7.viii.1879, *Portafoglio Maltese*) Sar apparat ġdid rikk tassew għall-festa ta' San Duminku fil-Parroċċa tal-Portu Salvu l-Belt li qam £3500.

**1879:** (Awissu, *Fede ed Azione*) Għall-bieb prinċipali tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu, saret sopraporta skulturata u ndurata, disinn u xogħol ta' Alfonso Pace.

**1879:** (3.x.1879, *Amico del Popolo*) V. Bonnici tal-Isla jlesti pittura ta' San Tumas.

**1880:** Rafel Pisani jpitter kwadru ta' San Rafel fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu.

**1880:** (13.viii.1880, *Amico del Popolo*) Saru żewġ artali tal-ġnub, wieħed ta' Santa Marija, u l-ieħor tat-Trinità fil-Parroċċa Kolleġġjata ta' San Lawrenz il-Birgu.

**1880:** (14.viii.1880, *Malta Times*) Saret il-gallarija ta' l-orgni fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu, xogħol ta' Vincenzo Serracino.

**1880:** (17.viii.1880) Saret kolonna monumentali bi statwa ta' San Lawrenz, xogħol ta' Busuttil tar-Rabat, b'disinn tal- inġinier Ingliż Paulson.

**1880:** (20.xii.1880, *Malta Taghna*) L-imgħallem Aristide Bonnici jaħdem kolonna kbira u artistika għall-istatwa tal-Papa Piju IX li tintrama' fis-suq ta' Bormla.

**1881:** (19.ii.1881, *Il-Habbar*) Għal Knisja ta' San Pawl Nawfragu sar ventartal tal-fidda għall-artal tal-Madonna tal-Karità.

**1881:** (22.ix.1881, *Fede ed Azione*) Fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, saret il-pittura fis-saqaf mill-pittur Bonnici.

**1881:** (AAM, S/27/278) Saret il-girlanda tal-fidda għall-Kolleġġjata ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla.

**1881:** (AAM, S/1/70) Isir ventartal tal-fidda għall-artal maġġur tal-Kolleġġjata ta' Bormla.

**1881:** (23.iii.1881, *Il-Habbar*) Fir-Rabat, sar palk tal-banda għall-Banda L'Isle Adam.

**1883:** (18iv.1883, *Ordine*) Inħadem l-ewwel vaxxel fit-Tarzna ta' Malta fi żmien il-ħakma Ingliża u kien imsemmi Mariner.

**1883:** (20.ix.1883, *Portafoglio Maltese*) Saret pittura ta' Ġużeppi Calì fil-Parroċċa Rotunda tal-Mosta.

**1883:** (27.ix.1883) Jibda l-ħatt tal-faċċata tal-knisja l-qadima ta' San Publiju fil-Furjana biex issir faċċata ġdida fuq disinn ta' Nicola Zammit tas-Siġġiewi.

**1884:** (2.vi.1884, *Portafoglio Maltese*) Saret il-Victoria Gate fix-Xatt ta' Lies il-Belt Valletta.

**1884:** (14.viii.1884, *Malta*) Saru erba' važuni bil-fjurintal granutell maħduma mis-Sorijiet ta' Santa Katerina tal-Belt għal mal-vara ta' San Lawrenz tal-Birgu. (Dawn ġew mibdula fl-1909 ma' oħrajn ġodda tal-fidda).

**1884:** (25.vi.1884, *Fede ed Azione*) Fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt sar il-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni mill-pittur Cagliardi.

**1885:** (4.ix.1885, *Risorgimento*) Fil-Katidral ta' l-Imdina Gius. Valente ħadem l-istatwa ta' San Publiju li tinsab wara l-bieb ewlieni.

**1885:** (21.iii.1885, *Fede ed Azione*) Saru tmien brazzi tal-fidda mal-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan.

**1886:** (9.viii.1886, *Portafoglio Maltese*) Għall-festi kbar li jsiru fil-belt Valletta f'ġieħ San Duminku sar ark trijonfali li jintrama' fi Triq Merkanti qrib is-Suq, xogħol ta' Ċikku Spiteri mir-Rabat.

**1887:** (13.viii.1887, *Malta*) Saret palma tal-fidda għal idejn San Lawrenz fil-Birgu għotja tal-Kan. Lawrenz Camilleri.

**1887:** (17.xii.1887, *Arte ed Azzione*) Għall-Katidral fl-Imdina, Gius. Valente għamel żewġ statwi ta' l-irħam fuq il-presbiterju, waħda ta' San Pawl u oħra ta' San Ġwann.



**1887:** (5.vii.1887, *Arte ed Azione*) Għall-Katidral fl-Imdina l-pittur Ruman Grandi pitter il-kwadru tal-Pentecoste.

**1887:** (1.ix.1887, *Arte ed Azione*) Saret l-istatwa tal-Madonna Stella Maris ta' Cremona għal tas-Sliema.

**1888:** (20.iii.1888, *Public Opinion*) Varat il-bastiment li nħadem it-Tarzna ta' Malta u li kien imsemmi Melita.

**1888:** (27.viii.1888, *Portafoglio Maltese*) Fil-Parroċċa ta' San Ġużepp fl-Imsida sar kwadru tal-Madonna tar-Ruzarju minn Ġużeppi Calì.

**1889:** (19.ix.1889, *Public Opinion*) Carlo Darmanin ħadem statwa tal-Gran Mastru Pinto, parti mit-tiżjin tal-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.

**1890:** (AAM, S/103/210) Għall-Parroċċa ta' Santa Katerina, iż-Żurrieq, saru żewġ konfessjonarji.

**1891:** (24.ii.1891, *Public Opinion*) Għall-istatwa ta' Kristu Rxoxt tal-Parroċċa ta' San Ġorġ saru żewġ suldati maħduma mill-istatwarju Cremona.

**1891:** (vi.1891, *Il-Patriota*) Għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, saret statwa ta' San Luiġi minn Cremona.

**1891:** (AAM, S/109 III/430) Għall-Knisja Parrokkjali Rotunda tal-Mosta sar orgni ġdid.

**1891:** (23.vi.1891, *Malta Standard*) Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ saret statwa ta' San Luiġi.

**1891:** (29.ix.1891, *Malta*) Għall-festi nazzjonali fil-Birgu saru erba' statwi ta' gran mastri li jintramaw madwar il-Monument tal-Vitorja fil-Pjazza.

**1892:** (16.ii.1892, *Public Opinion*) Saret qanpiena kbira ta' 105 kwintal minn Ġulju Cauchi għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

**1892:** (16.ii.1892, *Public Opinion*) Għall-festa ta' San Pawl il-Belt saru erba' statwi minn Cremona bħala parti mit-tiżjin li jissimbolizzaw il-kontinenti.

**1892:** (30.v.1892, *Portafoglio Maltese*) Jinbena kunvent tal-Karmelitani f'San Ġiljan.

**1892:** (9.ix.1892, *Malta Standard*) Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla saret bradella artistika xogħol ta' Mikiel DeGiovanni.

**1892:** (AAM, S113/-) Saru żewġ konfessjonarji għall-Knisja ta' San Pawl ta' Bormla.

**1892:** (16.ii.1892, *Il-Habbar Kattoliku*) Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-gallarija tal-orgni ġiet indurata bid-deheb minn Ġużeppi Sammut.

**1892:** (16.ii.1892, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, saret sopraporta artistika minn Paolo Bugeja.

**1893:** (18.ii.1893, *Malta Taghna*) Saru l-bibien artistiċi tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt xogħol ta' Ġakbu Debono minn Birkirkara waqt li l-bronż dekorattiv huwa xogħol ta' Ġ. Vella.

**1893:** (*In-Nahla Maltija*) Fil-Parroċċa tas-Siġġiewi saru żewġ linef tal-kristall u sett gandlieri tal-fidda kif ukoll sett ta' karti tal-Glorji.

**1893:** (AAM, S/115/372) Fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq ġew imġedda l-artali ta' San Stiefnu u ta' Sant' Andrija.

**1893:** (AAM, S/114/219) Fil-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, ġiet indurata l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

**1893:** (22.v.1893, *Vessillo Cattolico*) Fil-Parroċċa ta' Ħal Lija saret pittura minn Cortis u Ġ. Calì.

**1893:** (7.x.1893, *Verità*) Għall-Knisja ta' San Pawl il-Belt sar ventartal tal-fidda fl-artal ta' San Mikiel mid-ditta Belli, disinn ta' Galdes.

**1893:** (*Malta Taghna*) Fil-Knisja ta' l-Imsida Falzon kien għamel il-pittura tal-Via Sagra (pero dan l-aħħar saret oħra minflokha minn Camilleri Cauchi).

**1894:** (11.xii.1894, *Public Opinion*) Saru sett gandlieri għall-artal tal-Kunċizzjoni mid-ditta Tanfani fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Konventwali tal-Belt.

**1894:** (5.v.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata f'Bormla sar kurċifiss tal-fidda minn Canataci imma s-salib tal-ebbanu sar minn Frangisku Vella.

**1894:** (10.ii.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla saru erba' gastri ta' Romani għall-artal tal-Agunija.

**1894:** (11.viii.1894, *Verità*) Għall-Knisja tal-Porto Salvo, il-Belt, saru erba' karti tal-Glorji ta' G. Bonello; pedestall tal-ostensorju kif ukoll terħa rrakkmata ta' Fiorentini għall-altar maġġur, saru wkoll sett gandlieri tal-metall ta' Torpiano.

**1894:** (24.iii.1894, ?) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla, Abram Gatt ħadem il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira.

**1894:** (31.iii.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Saru erba' fanali tal-ħadid fondut madwar il-Monument tar-Reġina Vittorja, il-Belt.

**1894:** (28.vii.1894, *Corriere Mercantile di Malta*) Statwa ta' l-irħam bajdani bi xbieha ta' Santu Wistin tqegħdet fil-faċċata bħala titular tal-Knisja tal-Belt Valletta.

**1894:** (13.ii.1894, *Public Opinion*) Għall-festa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, V. Cremona ħadem statwa tal-Papa Ljun XIII, parti mill-armar ta' barra.

**1894:** (19.v.1894, *Risorgimento*) Għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, Pawlu Bugeja ħadem fonti tal-magħmudija tassew artistiku li jinsab hekk kif tidħol fil-Knisja taħt kwadru ta' San Lawrenz ta' Ġ. Calì.

**1894:** (31.v.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-artal ta' l-Agonija fil-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż Żebbuġ, saru sett gandlieri u sett gastri ta' Bonamici ta' Ruma.

**1894:** (5.v.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla saru sett gandlieri, disinn ta' Abram Gatt u nġibu mid-ditta Tanfani ta' Ruma.

**1894:** (9.viii.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-Knisja tal-Porto Salvu, il-Belt, inħadmu sett gandlieri tal-bronż minn Torpiano.



**1887:** (5.vii.1887, *Arte ed Azione*) Għall-Katidral fl-Imdina l-pittur Ruman Grandi pitter il-kwadru tal-Pentecoste.

**1887:** (1.ix.1887, *Arte ed Azione*) Saret l-istatwa tal-Madonna Stella Maris ta' Cremona għal tas-Sliema.

**1888:** (20.iii.1888, *Public Opinion*) Varat il-bastiment li nħadem it-Tarzna ta' Malta u li kien imsemmi Melita.

**1888:** (27.viii.1888, *Portafoglio Maltese*) Fil-Parroċċa ta' San Ġużepp fl-Imsida sar kwadru tal-Madonna tar-Ruzarju minn Ġużeppi Calì.

**1889:** (19.ix.1889, *Public Opinion*) Carlo Darmanin ħadem statwa tal-Gran Mastru Pinto, parti mit-tiżjin tal-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.

**1890:** (AAM, S/103/210) Għall-Parroċċa ta' Santa Katerina, iż-Żurrieq, saru żewġ konfessjonarji.

**1891:** (24.ii.1891, *Public Opinion*) Għall-istatwa ta' Kristu Rxoxt tal-Parroċċa ta' San Ġorġ saru żewġ suldati maħduma mill-istatwarju Cremona.

**1891:** (vi.1891, *Il-Patriota*) Għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, saret statwa ta' San Luiġi minn Cremona.

**1891:** (AAM, S/109 III/430) Għall-Knisja Parrokkjali Rotunda tal-Mosta sar orgni ġdid.

**1891:** (23.vi.1891, *Malta Standard*) Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ saret statwa ta' San Luiġi.

**1891:** (29.ix.1891, *Malta*) Għall-festi nazzjonali fil-Birgu saru erba' statwi ta' gran mastri li jintramaw madwar il-Monument tal-Vitorja fil-Pjazza.

**1892:** (16.ii.1892, *Public Opinion*) Saret qanpiena kbira ta' 105 kwintal minn Ġulju Cauchi għall-Kolleġġjata ta' Birkirkara.

**1892:** (16.ii.1892, *Public Opinion*) Għall-festa ta' San Pawl il-Belt saru erba' statwi minn Cremona bħala parti mit-tiżjin li jissimbolizzaw il-kontinenti.

**1892:** (30.v.1892, *Portafoglio Maltese*) Jinbena kunvent tal-Karmelitani f'San Ġiljan.

**1892:** (9.ix.1892, *Malta Standard*) Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla saret bradella artistika xogħol ta' Mikiel DeGiovanni.

**1892:** (AAM, S113/-) Saru żewġ konfessjonarji għall-Knisja ta' San Pawl ta' Bormla.

**1892:** (16.ii.1892, *Il-Habbar Kattoliku*) Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-gallarija tal-orgni ġiet indurata bid-deheb minn Ġużeppi Sammut.

**1892:** (16.ii.1892, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, saret sopraporta artistika minn Paolo Bugeja.

**1893:** (18.ii.1893, *Malta Taghna*) Saru l-bibien artistiċi tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt xogħol ta' Ġakbu Debono minn Birkirkara waqt li l-bronż dekorattiv huwa xogħol ta' Ġ. Vella.

**1893:** (*In-Nahla Maltija*) Fil-Parroċċa tas-Siġġiewi saru żewġ linef tal-kristall u sett gandlieri tal-fidda kif ukoll sett ta' karti tal-Glorji.

**1893:** (AAM, S/115/372) Fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq ġew imġedda l-artali ta' San Stiefnu u ta' Sant' Andrija.

**1893:** (AAM, S/114/219) Fil-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, ġiet indurata l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

**1893:** (22.v.1893, *Vessillo Cattolico*) Fil-Parroċċa ta' Ħal Lija saret pittura minn Cortis u Ġ. Calì.

**1893:** (7.x.1893, *Verità*) Għall-Knisja ta' San Pawl il-Belt sar ventartal tal-fidda fl-artal ta' San Mikiel mid-ditta Belli, disinn ta' Galdes.

**1893:** (*Malta Taghna*) Fil-Knisja ta' l-Imsida Falzon kien għamel il-pittura tal-Via Sagra (pero dan l-aħħar saret oħra minflokha minn Camilleri Cauchi).

**1894:** (11.xii.1894, *Public Opinion*) Saru sett gandlieri għall-artal tal-Kunċizzjoni mid-ditta Tanfani fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Konventwali tal-Belt.

**1894:** (5.v.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata f'Bormla sar kurċifiss tal-fidda minn Canataci imma s-salib tal-ebbanu sar minn Franġisku Vella.

**1894:** (10.ii.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla saru erba' gastri ta' Romani għall-artal tal-Agunija.

**1894:** (11.viii.1894, *Verità*) Għall-Knisja tal-Porto Salvo, il-Belt, saru erba' karti tal-Glorji ta' G. Bonello; pedestall tal-ostensorju kif ukoll terħa rrakkmata ta' Fiorentini għall-altar maġġur, saru wkoll sett gandlieri tal-metall ta' Torpiano.

**1894:** (24.iii.1894, ?) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla, Abram Gatt ħadem il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira.

**1894:** (31.iii.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Saru erba' fanali tal-ħadid fondut madwar il-Monument tar-Reġina Vittorja, il-Belt.

**1894:** (28.vii.1894, *Corriere Mercantile di Malta*) Statwa ta' l-irħam bajdani bi xbieha ta' Santu Wistin tqegħdet fil-faċċata bħala titular tal-Knisja tal-Belt Valletta.

**1894:** (13.ii.1894, *Public Opinion*) Għall-festa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, V. Cremona ħadem statwa tal-Papa Ljun XIII, parti mill-armar ta' barra.

**1894:** (19.v.1894, *Risorgimento*) Għall-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, Pawlu Bugeja ħadem fonti tal-magħmudija tassew artistiku li jinsab hekk kif tidħol fil-Knisja taħt kwadru ta' San Lawrenz ta' Ġ. Calì.

**1894:** (31.v.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-artal ta' l-Agonija fil-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż Żebbuġ, saru sett gandlieri u sett gastri ta' Bonamici ta' Ruma.

**1894:** (5.v.1894, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' Bormla saru sett gandlieri, disinn ta' Abram Gatt u nġibu mid-ditta Tanfani ta' Ruma.

**1894:** (9.viii.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Għall-Knisja tal-Porto Salvu, il-Belt, inħadmu sett gandlieri tal-bronż minn Torpiano.



**1894:** (13.xi.1894, *Public Opinion*) L-istatwarju Cremona jagħmel l-istatwi ta' San Pietru; San Pawl u ta' Omm San Ġorġ, għar-Rabat Għawdex.

**1894:** (ll.v.1894, *Il-Habbar Kattoliku*) Giuseppe Bartoli tar-Rabat jindura l-gallarija ta' l-orgni ta' San Lawrenz tal-Birgu.

**1894:** (17.iv.1894, *Malta Taghna*) Karlu Darmanin l-istatwarju li introduċa tiżjin fit-toroq bi statwi.

**1894:** (26.iv.1894, *Ordine*) Isir tużell artistiku għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat Għawdex. (Dan issa jinsab fil-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu).

**1894:** (7.ix.1894, *Malta Times*) Patri Agostinjan, A. Borg, ħadem luzzu għas-sajd kbir.

**1894:** (15.ii.1894, *Risorgimento*) Cremona ħadem kurċifiss sabiħ għall-Knisja Parrokkjali tas-Sacra Cuor tas-Sliema.

**1895:** (1.viii.1895, *Public Opinion*) Cremona għamel statwa tal-Papa Ljun XIII bħala part mill-armar ta' barra tal-festa ta' San Duminku, il-Belt..

**1895:** (14.ix.1894, *Public Opinion*) Fl-Isla, Karlu Darmanin ħadem aktar statwi għat-tiżjin fit-toroq fil-festa tal-Bambina.

**1895:** (2.v.1895, *Portafoglio Maltese*) Fil-Parroċċa ta' l-Imsida, Lazzru Pisani pitter kwadru ta' Ġesù msallab.

**1895:** (6.viii.1895, *Portafoglio Maltese*) Għall-festa ta' San Duminku tal-Belt Valletta Cremona ħadem erba' statwi ta' erba' Papiet Dumnikani li jintramaw fi Pjazza Reġina fil-Belt.

**1896:** (8.viii.1896, *Malta Taghna*) Sar lampier tal-fidda artistiku xogħol ta' Cannataci għall-Parroċċa taż-Żejtun.

**1896:** Fil-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Qrendi sar tużell għall-kuljum.

**1896:** (AAM, S126/53) Għall-Parroċċa ta' Santa Katarina, iż-Żurrieq, saru sitt anterni tal-fidda.

**1896:** (15.i.1896, *Malta Taghna*) Jissemma' De Giovanni mgħallem li vvinta kif jgħawweġ l-injam u jifforma siġġijiet f'ħanut f'Raħal Ġdid.

**1896:** (18.vii.1896) Fil-Parroċċa ta' San Gejtanu sar artal tal-Madonna ta' Lourdes ta' l-irħam sabiħ mid-ditta F. Buhagiar.

**1896:** (20.viii.1896, *Ordine*) Baskal Grech mill-Birgu ħadem lanċa bl-istim għad-Dipartiment tad-Dwana u qamet £1,450.

**1896:** (26.viii.1896, *Gazzetta tal-Poplu*) Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla sar ventartal tal-fidda għall-artal tal-Madonna tar-Rużarju taħt id-direzzjoni u bid-disinn ta' Ġużè Galea.

**1896:** (3.vi.1896, *Gazzetta tal-Poplu*) Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla saret terħa rrakkmata bid-deheb għall-artal tas-Ssma. Trinità, disinn u direzzjoni ta' Aristide Bonnici.

**1896:** (*Public Opinion*) Fil-kursija ta' San Lawrenz isiru l-pittura mill-pittur Cortis u dekorazzjoni ta' palm indurat xogħol ta' Bonello tal-Belt.

**1896:** (12.viii.1896, *Gazzetta tal-Poplu*) Karlu Darmanin jagħmel żewġ statwi ta' djakni li jintramaw fil-Pjazza tal-Birgu fil-festa ta' San Lawrenz.

**1896:** (3.vi.1896, *Ordine*) Fil-Kolleġġjata ta' l-Isla saret terħa rrakkmata b'disinn tas-Senglejan V. Bonnici għall-artal tas-Ssma. Trinità.

**1896:** (9.viii.1896, *Portafoglio Maltese*) Għall-festi ta' San Duminku fil-Birgu saret minn Karlu Darmanin, statwa tal-Beata Govanna d'Aza bħala parti mill-armar tal-festa.

**1897:** (11.ix.1897, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' l-Isla sar ventartal tal-fidda għall-artal tas-Ssma. Trinità, xogħol ta' Canataci.

**1897:** (12.viii.1897, *Malta Taghna*) Għall-Kolleġġjata ta' San Lawrenz saru loppi bl-anġli għal-linfi tal-kristall maħduma minn Karlu Darmanin fuq disinn ta Abram Gatt.

**1897:** (23.vii.1897, *Cor. Merc. di Malta*) Il-pittur Cortis lesta wieħed mill-kwadri tas-saqaf tal-korsija li juri xena ta' San Lawrenz jiltaqa' mal-Papa Sistu.

**1897:** (25.ix.1897, *Malta Taghna*) Għall-festi ta' San Lawrenz fil-Birgu sar l-ark fi Pjazza Vittoriosa fuq disinn ta' Abram Gatt, xogħol ta' l-aħwa Barbara.

**1897:** (26.vii.1897, *Corriere Mercantile di Malta*) Sar l-artal maġġur ġdid għal Knisja ta' San Lawrenz iddisinjat minn Fonzu Pace u saret ukoll skala tal-bronż u fondut wara l-istess artal. Ix-xogħol ta' l-artal ta' l-irħam sar minn Buhagiar u x-xogħol ta' l-iskala kien ta' Tumas Downs.

**1897:** (26.vi.1897, *Corriere Mercantile di Malta*) Saru plakki rilievi tal-fidda ta' l-erba' simboli evanġeliċi u tlieta tas-sagrifiċċji, disinn u mudelli ta' Abram Gatt.

**1897:** (6.xi.1897, *Malta Taghna*) Sar orgni fil-Parroċċa ta' San Bartilmew Appostlu tal-Għargħur, tad-ditta Felter.

**1898:** (1 u 5.xi.1898, *Il-Patriota*) Sar salib tal-Via Sagra, xogħol ta' Ġużè Vella, u tlesta proġett minn Karlu Darmanin għall-kappella tas-Sagrament, ħadem Publio Sultana. Sar ventartal tal-fidda, disinn ta' Galdes, importat minn barra minn Castaldi. Ventartal ieħor sar fuq mudell ta' Karmnu Teuma, disinn ta' Degiovanni.

**1898:** (18.viii.1898, *Il-Patriota*) Saret pittura ta' Sant' Anna, San Ġakbu u San Żakkarija u Santa Elizabetta, xogħol ta' Nazju Cortis.

**1898:** (20.viii.1898) Saret fil-Birgu l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja, xogħol ta' Cremona, u saru ukoll erba' anġli għat-tiżjin mal-monument ta' San Lawrenz fil-pjazza.

**1898:** (14.ix.1898, *Malta Taghna*) Sar it-tużell fil-Knisja Kolleġġjata ta' Sant' Elena, disinn ta' Galdes u skultura ta' Sapiano.